# Santa Marija f'għajdut il-Maltin u l-Għawdxin

minn
Victor J. Galea

SANTA MARIJA — il-patruna speċjali ta' Malta u Għawdex — tissemma ukoll mod speċjali fil-qwiel u fil-folklor Malti.

**Il-farfett ta' Santa Marija *(Papilio Machdon)***
Il-farfett li f'xi nħawi tar-Rabat bħal ngħidu aħna Għajn Qatet isibuh bħala *l-farfett ta' Santa Marija*, l-entomoloġi, jiġifieri l-istudjużi ta' l-insetti jsejħulu *l-farfett tal-fejgel* jew *tal-bużbież* billi jbid fuq dawn iż-żewġ ħxejjex f'art miksija blat bħall-qraten u x-xagħri. Ix-xjenzati jsibuh bl-isem ta' Papilio Machdon.

Billi dan hu l-akbar farfett ta' pajjiżna għax ilaħħaq minn tlieta sa erba' ċentimeri, hu l-farfett li l-iktar dabbar ismijiet kemm mill-kbar u kemm miż-żgħar. Barra ta' Santa Marija r-Rabat isejħulu wkoll *il-farfett tar-rummien*. Hekk ukoll isibuh ix-Xagħra, in-Nadur u l-Munxar. L-Għarb hemm min jgħid li hu *ta' San Mikiel*, il-qaddis marbut mar-rummien filwaqt li oħrajn isejħulu *tax-xemx* kif ukoll *tal-pinna* li għandu f'tarf ġwenħajh. Ta' Kerċem u Santa Luċija, xi nħawi tar-Rabat kif ukoll tax-Xewkija jafuh bħala *l-farfett ta' San Ġwann*. Imma x-Xewkija hemm min jgħidlu *l-farfett tar-Reġina* u San Lawrenz u Ta' Sannat *il-farfett tal-lira* forsi għax dari fuq il-lira tad-deheb kien ikun hemm wiċċ ir-Reġina Vittorja ta' l-Ingilterra. Fl-aħħarnett San Lawrenz qaluli li hemm min isibu *tas-Safar* u saħansitra *ta' l-Awstralja*. Dan naħseb xogħol l-emigranti li tawna wkoll l-iskalora ta' l-Awstralja li hi l-Kittien. L-Għasri jgħidulu *l-farfett tal-korpus*, il-festa tagħhom li taħbat matul ix-xaħar ta' San Ġwann.

It-tfal imbagħad li dari l-friefet kienu jonsbulhom bi xbieki żgħar biex jagħmlu bħall-kbar li kienu jonsbu għall-għasafar, lill-friefet kienu jsibuhom b'ismijiet ta' għasafar jew tajr skond id-daqs u l-lewn. Ir-Rabat, it-tfal il-farfett ta' Santa Marija kienu jafuh bħala *dundjan* jew *taż-Żebbuġ*, li hu l-ikbar għasfur ta' l-għana li jonsbu għalih il-kbar. Ta' Sannat kienu jgħidulu *tad-dundjana*. It-tfal taż-Żebbuġ jgħidulu *ċ-Ċawla* u tax-Xagħra *l-papru* jew *il-papra*, filwaqt li tal-Qala semmewh *il-qroqqa*. Tan-Nadur tawh isem l-akbar għasfur li jpassi minn fuqna l-ajkla.

Mhux biss il-farfett ta' Santa Marija jolqot l-għajn imħabba d-daqs u l-ilwien tiegħu imma d-dudu tiegħu li nsibuh fuq il-bużbież u l-fejgel fih daqqa t'għajn ġmielha. Jieħu lewn il-pjanti li jikber fuqhom jiġifieri l-aħdar ċar. Ikollu ċrieki suwed b'tikek mil-lewn il-larinġa. Rasu tkun safra bi strixxi suwed. Ir-riħa qawwija li għandhom iż-żewġ xtieli li jitrabba' fuqhom id-dudu jagħmel użu minnha billi jaħżinha f'żewġt iqrun li jkollu f'rasu. Dawn joħroġhom malli jersaq lejh xi ħadd li bir-riħa taqsam tant qawwija dak li jkun ikollu jwarrab u jħallih għal xogħlu.

Bħalma għidna l-farfett ta' Santa Marija jgħidulu wkoll ta' San Ġwann u ta' San Mikiel. Jien naħseb li jgħidulu hekk għax jidher ħabta tal-festa tagħhom. Naraw għaliex. L-aħħar bajd li jbid il-farfett qabel l-ajru jaqleb għax-xitwa jofqos u jsir dudu u jagħmel il-fosdqa, imma l-farfett ma joħroġx mill-fosdqa qabel ma tgħaddi l-kesħa tax-xitwa għal nofs Frar. Fir-Rebbiegħa, fis-Sajf u sal-bidu tal-Ħarifa jilħqu sa tlett ibtan oħra. In-nies tarah jittajjar

**LIL SĦABI TAL-MALL** li fosthom qattajt l-aħħar xhur tas-servizz tiegħi fl-1994 u tgħallimt minn għandhom ħafna minn dak li qed nikteb hawn.

wara li kull boton joħroġ mill-fosdqa u tagħtih l-isem tal-qaddis taż-żmien li taraħ matul il-madwar għoxrin ġurnata li jdum ħaj.

B'xorti tajba l-farfett ta' Santa Marija jbid fuq żewġt ixtieli li jikbru fuq il-blat bħal ngħidu aħna ta' Ċenċ. Il-bużbież jikber ukoll fl-isinda abbandunati, fir-raba' ġmiem u fil-widien. L-isinda huma dawk l-għelieqi niżlin waħda taħt l-oħra minn taħt is-sies tal-muntanji tagħna sa ma jilħqu l-wied. Sined jingħażel minn ieħor b'ħajt minn fuq għal isfel. L-abbandun tar-raba' tafli tal-faldi tal-muntanji u tar-ragħa bil-mogħoż fil-widien imur favur dal-farfett għax jitħalla bi kwietu għall-inqas fuq il-bużbież. Fejġel ma naħsibx li fadal wisq, għalkemm għadek issib min iżommu għal meta jkollu xi tbenġila jew tagħtina bħalma kien iżommu, Alla jaħfirlu missieri. Il-bexx qattiel bl-insetticidi ma jmissx la lill-bużbież u l-anqas lill-fejġel. Għalhekk il-farfett ta' Santa Marija għandu ċans sabiħ li jaraħ min jiġi warajna.

**Il-Farfett ta' Santa Marija (Vanessa Atalanta)**
L-entomolgi lil dal-farfett isibuh bħala *farfett tal-ħurrieq*, il-ħaxixa li jbid fuqha jew *vanessa* mill-isem xjentifiku tiegħu Vanessa Atalanta. Wara l-farfett tal-fejġel jew tal-bużbież, il-farfett tal-ħurrieq l-iktar li hu magħruf fostna l-Għawdxin u għalhekk għandu bosta ismijiet għalkemm mhux daqsu.

Għalhekk filwaqt li r-Rabat u ta' Kerċem lill-*farfett tal-ħurrieq* isejħulu *ta' Santa Marija*, ma nistagħġbux li ta' Sannat nsibuh bħala *l-farfett ta' Santa Margerita*. Hekk ukoll jafuh tal-Munxar li m'ilhomx snin kbar li nqatgħu mill-parroċċa ta' Sannat. Ta' Kerċem hekk ukoll min isejjaħlu *l-farfett ta' San Ġwann* jew *tal-Ħarrub*, barra kif ġa semmejna l-farfett ta' Santa Marija. Imħabba l-lewn tiegħu iswed bellusi n-Nadurin jgħidulu *l-farfett tal-bellus* jew kif insejħulu x-Xagħra u r-Rabat ukoll *il-farfett bellusi*.

It-tfal, li kif għidna jagħtu ismijiet ta' għasafar lill-friefet, lill-farfett ta' Santa Marija hawn ir-Rabat isejħulu *l-gardell*, għasfur li għandu l-istess kuluri tal-farfett. Tant jixbaħ lill-gardell il-farfett ta' Santa Marija li qaluli li fi żmien il-passa ta' l-għasafar ta' l-għana kien hemm wieħed li qaleb fuq il-farfett li daħal jittajjar fuq il-mansab għax ħasbu gardell tassew. It-tfal ta' Santa Luċija jsibuh bħala l-gallozz. Ta' min jgħid li fost il-glalez hemm il-gallozz l-iswed. Dal-gallozz għandu l-faċċol aħmar, jiġifieri strixxa li minn fuq munqaru titla' għal fuq rasu, bħalma l-gardell għandu l-maskra ħamra. Mela l-gallozz ukoll jixbaħ lill-farfett ta' Santa Marija.

B'xorti tajba dal-farfett ibid fuq il-ħurrieqa (Urtica urens) u fuq ix-xeħt ir-riħ (Parietaria officinale) li aħna l-Għawdxin insibuha bħala ħaxix ir-riħ. Dawn iż-żewġ ħxejjex jinbtu kullimkiem u billi ma jiswew għalxejn għax il-bniedem u l-bhejjem ma jikluhomx il-qilla tal-bexx qerried ma tilħaqhomx bħalma tilħaq lill-farfett tal-Kromb.

Kontra l-farfett tal-Kromb li jbid il-bajd tagħqida taħt il-weraq tal-ġdur, kaboċċi u pastard, il-farfett ta' Santa Marija jbid bajda waħda taħt il-weraq tal-ħurrieqa jew tal-ħaxix ir-riħ. Malli jofqos iħit il-werqa bil-ħarir li joħroġ mid-dudu u jidħol ġo fiha biex jistaħba mill-għedewwa. Il-fosdqa tiddendel taħt il-weraq biex ħadd ma jsibha u jeqridha matul il-ħmistax li l-farfett irid biex jitrabba fiha.

Bħalma jixhdu l-ismijiet għall-qaddisin il-farfett ta' Santa Marija jagħmel xi tlitt ibtan matul is-sena. Ta' min jgħid li filwaqt li l-ħurrieq jikber fix-xhur tax-xita, il-ħaxix ir-riħ li jikber għad-dell tal-ħitan jew tas-siġar insibuh is-sena kollha. Għalhekk id-dudu dejjem isib fuqiex jitrabba. Il-farfett ta' Santa Marija kultant jaqta' passa u għalhekk jiżgħed kullimkiem sa jgħaddi għal band'oħra.

Fl-aħħarnett xtaqt nitkellem fuq id-dehra ta' dal-farfett li tant jolqot l-għajn. Dal-farfett u sieħbu, il-farfett ta' San Martin (Cynthia Cardui) huma tal-familja tan-Ninfalidi, il-friefet li għandhom l-isbaħ kuluri. Billi l-farfett iħobb isorġi bi ġwenħajh miftuħa dawn il-kuluri iktar jispikkaw. Għalkemm ġismu u ġwenħajh huma suwed bellusin, għandu strixxa mil-lewn il-larinġa fl-aħmar minn fuq għal isfel f'nofs il-ġwieħajh ta' quddiem kif ukoll bordura ta' l-istess lewn fil-ġwienaħ ta' taħt bid-dbabar suwed. Taħt it-truf ta' ġewwa tal-ġwienaħ t'isfel għandu wkoll żewġ dbabar żoroq. Bordura kaħlanija nsibuha wkoll fil-

*ikompli paġna 57*

ġwienaħ ta' fuq. Barra minn dan il-lewn iswed tal-ġwienaħ insibuh imżewwaq bi dbabar bojod. Toħroġ weħidha mela l-għajta: Kemm hu sabiħ dan il-farfett ta' Santa Marija!

**Il-Werżieq**

Skond Patri Magri il-qawl jgħid li meta tisma' jgħajjat il-werżieq tista' tmur għall-għeneb wit-tiniet. Għalhekk hawn ir-Rabat jgħidu li *l-werżieq isajjar l-għeneb*. Missieri kien jgħid li *l-werżieq isajjar it-tin* filwaqt li oħrajn jgħidu li *l-werżieq isajjar il-bajtar*. Dan kollu frott li naraw il-mall waqt il-wirja ta' Santa Marija. Ma nistagħġbux għalhekk li min jsajru norbtuh ukoll ma' Santa Marija.

Il-werżieq jitfaċċa matul il-klami ta' Lulju u jibqa' għaddej jagħżel matul Awissu u anke wara. Ikun fl-aqwa tiegħu fil-klajjem tax-Xahar tal-Karmnu u l-ġranet ta' Santa Marija. Il-werżieq ma jagħżilx biex isajjar il-frott imma biex jiġbed lill-mara u jżommha ħdejh. Jibdew mit-tbexbix u jibqgħu sejrin sa wara nżul ix-xemx. Il-ħoss li jagħmel il-werżieq hu l-aqwa wieħed fost l-insetti kollha.

Kurjuża mnejn ikun ġej dak l-għagħa kollu. Il-werżieq taħt qaddu jiġifieri fejn għandu s-sitt saqajn u qabel tibda ż-żaqq għandu żewġ tnabar mgħottija b'rita. Muskoli qawwija ġagħlu dir-rita tivvibra b'veloċita ta' 120 sa 400 kull sekonda tant li aħna nħossuh ġej il-ħin kollu. Dawn il-vibrazzjonijiet jidwu fiż-żewġt itnabar u l-ħoss tagħhom jinstama' sa nofs kilometru bogħod.

Kurjuża wkoll għaliex it-turisti Ingliżi jieqfu mistagħġba meta jisimgħuh. Minn xi 1500 speċi ta' werżieq li hawn fil-pajjiżi sħan, tnax biss insibuhom fl-Ewropa li minn dawn l-Ingilterra suppost hemm wieħed biss in-naħa t'isfel fil-Bosk il-Ġdid. Għidt suppost għax rari tisma' ħossu. Minn hawn ġej l-interess tat-turisti fil-werżieq tagħna għaddej jagħżel bla heda taħt il-qilla tax-xemx t'Awwissu.

Mnejn jiġi l-werżieq u fejn imur? Il-werżieqa tbid fix-xquq taz-zkuk tas-siġar. Malli jofqsu jinżlu jiġru fl-art u jibqgħu neżlin sa ma jsibu l-għeruq. Hemm jgħixu billi jsoffu s-sugu tagħhom. Fost il-għeruq li jħobbu nsemmu dawk tas-siġar tat-tuffieħ, ħawħ, lanġas u dwieli.



*Il-Farfett ta' Santa Marija disinn ta' V. Falzon (bil-kortesija ta' Joe Sultana)*

Id-dudu tal-werżieq ma jidħolx fil-fosdqa bħal tal-friefet. Meta jasal iż-żmien li jitla' fil-wiċċ biex jiżżewweġ u jbid italla' l-ġwienaħ u jitkaxkar 'l fuq. Meta jiżżewweġ u jbid il-werżieq ikun temm xogħlu u jmut u fl-irħula u kampanja tagħna jerġa' jaqa' s-skiet.

**Il-Gremxul ta' Santa Marija**

Il-gremxul ta' Santa Marija huwa dak il-gremxul daqs ħajta għadu kemm ħareġ mill-bajda li narawh jiskariġġa fil-btieħi, ġol-ġonna u fuq il-ħitan tal-sejjieħ. Naturalment jissejjaħ hekk għax jitfaċċa għall-ħabta ta' Santa Marija. Mhux il-gremxul biss jofqos bħal daż-żmien imma l-frieħ tar-rettoli l-oħra li għandna f'pajjiżna jiġifieri s-sriep u l-użiegħ ukoll jofsqu magħhom. Ma' dawn inżidu wkoll il-frieħ tax-xaħmet l-art li jitwieldu mfaqqsa u lesti.

Il-frieħ tas-sriep lill-gremxul ta' Santa Marija isibuh sonbor għax ikunu jistgħu jaqbduh bla tbatija. Il-frieħ tas-sriep malli joħorġu mill-bajda jkunu jridu jfendu għal rashom u mill-ewwel jibdew jagħtu s-salt għal kull gremxula li jaraw tiċċaqlaq. Ġejt li rajt ferħ ta' serp jipprova jibla' gremxula mill-kbar li ma

tkun tista' tgħaddi bl-ebda mod minn ħalqu imma ma jitlaqhiex jgħidlek sa fl-aħħar tinżel u balleċ fl-aħħar hekk ikollha tagħmel.

Il-gremxul ta' Santa Marija mhux biss iservi ta' ikel għall-frieħ tas-sriep imma wkoll għall-użiegħ u saħansitra għall-gremxul l-ieħor. Ma rridx ninsa l-merill li fost affarijiet oħra jaqbadhom ukoll.

Meta naraw kemm għedewwa għandu l-imsejken gremxul ta' Santa Marija kien jonqos il-bniedem biex jgħaqqad il-gastell. Meta konna żgħar kellna seħer għall-gremxul. Ix-xjuħ kienu jgħallmuna kif naqbduh b'ħafura b'ingassa fit-tarf. L-għallieqa konna nagħmlulha ftit bżiq biex il-gremxula taħsbu ilma u xħin tersaq naqbduha. Imma aħna konna aktarx nersqu nkiss inkiss u ntuh is-salt b'idejna. Meta ġie li naqbdulha denbha biss, il-gremxula kienet tħalli denbha f'idejna u taħrab. Denbha xħin konna nitilquh fl-art kien jibqa' sejjer jagħti bis-saħħa tad-demm. Aħna konna ngħidu li qed jidgħi u jisħet 'l ommna u 'l missierna. Bil-mod il-mod denb il-gremxula jerġa' jitrabba.

Imma l-iktar li konna niskru wara l-gremxul kien fi żmien il-kaċċa, iż-żmien li kien jerġa' jidher jilgħaq ix-xemx wara n-nagħsa tax-xitwa. Meta l-kbar kienu meħdija jisparaw fuq il-gamiem aħna konna narmaw il-wadaf, kif konna nafuħ ix-Xagħra, u t-triq kollha mid-dar għall-iskola u lura nfaqqgħu fuq il-gremxul mixruf fuq il-ħitan tas-sejjieħ. Biex nagħmlu wadaf konna naqtgħu fergħa tal-lewż jew tal-lumi għamla ta' Y. Iz-zokk kien ikun irqiq imma f'saħħtu. Ma' kull spalla konna norbtu strixxa lakstu li fi żmien il-gwerra, meta jien kont tfal, konna neħduha mill-maskra tal-gass. Fit-tarf tal-lakstuwiet konna norbtu biċċa ġild li konna naqtgħu mill-wiċċ jew dafar ta' xi qorqa mqattgħa. Miż-żrar ma' konniex neqsin għax it-toroq kien għadhom bit-torba kollha. It-torba kienet tinqata' minn barrieri apposta mis-saff ta' fuq li mhux kullimkien żonqri kif aktarx jissejjaħ fil-kotba imma artab biżżejjed biex taqtgħu b'fies. Illum gaffa tħammel kemm trid minnu. It-torba mxarrba u mballta ddum is-sekli sħaħ u nstabu qigħan tat-torba ta' żmien il-ħaġar.

Tant kien kbir l-interess tat-tfal fil-gremxul li l-gremxulu li hu akbar u isbaħ mill-gremxula, billi għandu lewn aħdar xi drabi mtekktek bl-iswed, kellu isem f'kull raħal mhux biss ta' Għawdex imma ta' Malta wkoll.

Hekk ix-Xagħra konna nsibuh *il-katnazz*, kif ukoll *ir-re* u *l-kaptan*. Tar-Rabat jgħidulu *mazzun*. hekk ukoll ta' Sannat. Tal-Munxar imbagħad jgħidulu *l-golf*, kelma li fil-ħrejjef tfisser ġigant. Ix-Xewkija jsejħulu *l-Kavall*, ta' l-Għarb *il-faħal* u ż-Żebbuġin *il-margu*. Din ta' l-aħħar tfakkarna f'Malgu li ta daqqa ta' ħarta lil Ġesu' x'ħin kien quddiem il-qassis il-Kbir. Ir-Rabat ta' l-Imdina u n-Nadur isibuh is-Sultan, filwaqt li l-Qriema u ta' San Pawl il-Baħar jgħidulu *d-dirbi* għamla raħlija tal-kelma *darbi* ta' bnadi oħra ta' Malta. Malta wkoll hemm min jgħidlu *girbi* tidwira oħra tal-kelma dirbi bħalma l-kelma gremxul dari kienet dremxul. Ma rridx ninsa li hawn ir-Rabat lill-gremxul hawn min jgħidlu l-bagħal ta' San Ġorġ. Min jaf għaliex hux?

**Is-Serp**

Filwaqt li ż-żgħar aktarx kont tarahom jeqirdu l-gremxul il-kbar issibhom ma jistgħux jaraw serp. Is-serp fejn narawh jew naħarbuh jew noqtluh. Ġo fina hemm il-biża' mis-serp għax barra li hemm sriep velenużi u hemm ukoll ir-reliġjon tagħna li s-serp għamlitu xbiha tax-xitan. Imma kulħadd jaf li m'għandniex sriep velenużi. Li mhux forsi kulħadd jaf hu li s-serp barra li jaqbad gremxul u sriep oħra iżgħar minnu jaqbad ukoll il-ġrieden. Fejn ġurdien jara serp jaqbdu ferħ ta' ġenn u erħilu igħażżeż għax jgħidlek waslet tiegħi. Is-serp ma jibżax minnu u jagħmel għalih bla ħniena. Jarma' jtih b'denbu biex jistordih u jinbaram miegħu biex jifgah u jibilgħu. Għalhekk min iżomm serp fil-ġnien ma ssiblux ġrieden la fil-ġnien u lanqas f'daru. U hu ġurdien li hu perikuluż għall-bniedem.

Jgħidu li għal Santa Marija s-serp jinża' l-libsa. Is-serp wara li joħroġ mill-moħba fir-rebbiegħa jasal għall-ewwel tibdila f'Mejju billi l-libsa tax-xitwa ma tkunx għadha tiġih. La tiġi Santa Marija jasal għal tibdila oħra għax bl-ikel li Alla jkun ipprovda jkun ħxien. Biex jeħles mil-libsa l-qadima s-serp jibda biex iħokk geddumu ma' blata jew ġebla ħa jiftaħ toqba fil-qoxra u joħroġ minnha ħelu ħelu. Ta' min jgħid li anke l-qoxra ta' għajnejh tinqala' mill-bqija. Għalhekk għal xi żmien is-serp ma jkunx jara sew.

*[Jaqbad ma' dak li deher fil-Programm ta' Santa Marija (1992). Baqa' għal darb'oħra].*